**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 68**

**It-Tlieta 25 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera (online) |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Astrid Pell | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

**68.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**68.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**68.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħtet ittra sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**68.01.03** Il-Kunsillier Johann Borg bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**68.01.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li dwar il-Kunsillier Carlo Stivala ma rċivejna xejn u allura jekk wara 30 minuta li tkun bdiet is-seduta ma jidħolx, jiġi mniżżel bħala assenti. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li bqajna qatt ma rċivejna xejn dwar il-posizzjoni tal-Kunsillier Stivala. Fil-ġimgħat li għaddew, is-Sindku Scott Camilleri tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jinqata' l-allowance tal-Kunsillier Carlo Stivala, b'effett minn Ġunju 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ser ikun qed jibgħat kommunikat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex ikollna direzzjoni ċara.

**68.01.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li għas-seduta tal-lum stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex tkun preżenti għal-lum. Dan sabiex tiltaqa' mal-membri tal-Kunsill u jkollha stampa ta' kif issir seduta tal-Kunsill, f'każ ta' bżonn għal seduti fil-futur.

**68.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 67)**

**68.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti tas-Seduta 67.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondata mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-minuti ġew approvati unanimament.

**68.03 Arising mill-minuti (Seduta 67)**

**68.03.01** Ma kienx hemm arising mill-minuti.

**68.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**68.04.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li matul dan ix-xahar se tingħalaq il-kwotazzjoni tal-accountant tal-Kunsill. Hi wriet ix-xewqa li tiġġedded bħal kull sena. L-ammont fil-kwotazzjoni li bagħtet hu dak ta' €4,560 fis-sena. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din il-kwotazzjoni u approvaw li din għandha tkompli toffri s-servizz tagħha bħala accountant tal-Kunsill.

**68.04.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li dwar il-works order u x-xogħlijiet marbuta mal-bandli fix-xatt ħarġu, u x-xogħlijiet inbdew f'dawn il-jiem.

## 68.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**68.05.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet rigward in-numru 38, jekk dan l-iskart li nġabar hux dak tar-ristoranti. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li wara ġimagħtejn ta' abbuż fir-rimi ta' skart, kemm domestiku u b'żieda dak kummerċjali, iddeċieda li jneħħi dan l-iskart. L-ispiża ġiet imħallsa kollha mill-Kunsill Lokali.

**68.05.02** Il-Kunsillier Alex Caruana nnota li hemm supplier li ż-żewġ ammonti li hemm imniżżla jaqbżu l-ammont li jista' jingħata b'direct order. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li dawn huma marbuta mal-tender u l-kuntratt tal-playing fields.

*Petty Cash:*

**68.05.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 68.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**68.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li issa li nbdew ix-xogħlijiet fuq il-bandli tax-xatt, il-Kunsill irid jibda jaħdem sabiex jagħmel renovazzjoni tal-bandli ta' San Ġorġ. Dan issa ilu xhur mitluq u wkoll inġibdet l-attenzjoni mill-inġinier tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu li s-soft flooring għandu jinbidel u jsir mill-ġdid. Se nkunu qed inressqu l-ideat u l-proposti fis-seduti li jmiss.

**68.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li matul l-aħħar jiem il-Kunsill qed jieħu ħsieb iżjed il-paġna tal-midja soċjali billi fost oħrajn itella' aġġornamenti ta' fejn ikun tnaddaf mill-ħaddiema tal-Cleansing & Maintenance Division. Kemm hu kif ukoll il-pubbliku inġenerali nnotaw li mill-aħħar seduta 'l hawn kien hemm titjib sostanzjali fil-kwalità tas-servizz u fir-riżorsi.

**68.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li fil-jiem li għaddew hu flimkien mal-Viċi Sindku Josette Busuttil iltaqgħu mal-Kap tas-Segretajat fi ħdan il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali l-Arti u l-Gvern Lokali flimkien m'uffiċjali oħra sabiex jitkellmu fuq il-liġi tal-karavans. Fost affarijiet li ġew diskussi hemm in-nuqqas ta' riżorsi umani sabiex isir ix-xogħol ta' rutina u manutenzjoni fiż-żoni allokati. Il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill li naqsu, ma ġewx ħaddiema ġodda minflokhom. Ġewwa ż-żona ta' Wied ix-Xoqqa, dawn se jkunu qed jipparkjaw sa għaxar karavans fil-parkeġġ ta' wara l-parkeġġ tal-Liquigas. Il-Ministru ssuġġerixxa li ssir disclaimer form, fejn min qed jitfa' hemm ikun qed jipparkja għar-riskju tiegħu.

**68.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-proġett tal-bini tal-latrina ta' Wied il-Buni. Bħalissa hemm is-soqfa lesti u beda jsir ix-xogħol fuq ġewwa. Fil-jiem li ġejjin se jiġu mgħoddija s-servizzi tad-dawl u tal-ilma mill-ġdid. Il-pjan hu li sa nofs Awwissu dawn ikunu bdew jiffunzjonaw.

**68.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-proġett tal-bandli fi Ġnien il-Kunsill Lokali (Tal-Papa). Bħalissa l-fornitur tal-apparat tal-bandli u l-Perit jinsabu f'diskussjonijiet sabiex jaraw liema apparat ikun l-aħjar għall-ħxuna tat-tapit.

**68.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-proġett ta' Triq San Ġorġ. Illum bagħat email lill-Perit inkarigata mit-triq li qed issir minn Infrastructure Malta, fejn f'din l-email fakkarha li matul din il-ġimgħa konna mwegħdin li jkun spiċċa x-xogħol minn kollox. Hi infurmatu li t-triq hija lesta mill-ewwel saff t'asfalt u ser titlesta fil-ġimgħa ta' wara l-festa.

**68.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-website l-antika ngħalqet u wara s-sajf se nkunu fil-proċess li nagħmlu waħda ġdida uffiċjali tal-Kunsill.

**68.06.08** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser ikun qed jitlob għal laqgħa ma' Parks Malta billi dwar it-tieni fażi marbuta mal-proġett ta' Project Green ma smajna xejn iżjed dwaru.

**68.06.09** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-proġett marbut mad-daħla tal-lokalità, biswit il-bandli u r-roundabout ta' San Ġorġ. S'issa għandna konferma biss mingħand TZRA, fejn huma approvaw li jtuna nofs l-ispiża ta' dan il-proġett. Fil-jiem li għaddew, hu flimkien mal-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-Kunsillier Alex Caruana u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat kellhom laqgħa ġewwa l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża sabiex il-ministeru jħallas nofs l-ispiża li jkun fadal.

**68.06.10** Is-Sindku Scott Camilleri, f'isem il-Kunsill Lokali kollu, sellem il-memorja tas-Sur Charles Fenech, kuntrattur li ħadem mal-Kunsill Lokali għal dawn l-aħħar tletin sena. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-Contracts Manager tal-Kunsill Dr Alessia Psaila Zammit se jkunu qed jitkellmu dwar it-triq 'il quddiem dwar dan il-kuntratt.

## 68.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**68.07.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qed iressaq rakkomandazzjoni, issa li ġie ingaġġat Contracts Manager sabiex f'kull seduta, minn din is-seduta, jitla' rapport ta' ħidma li jkun twettaq fix-xahar ta' qabel mill-kuntratturi. Fir-rapport li qed iressaq illum, li jkopri dawn l-aħħar tliet ġimgħat, hemm li diġà ltqajna mal-kuntratturi li għandhom kuntratt mal-Kunsill u li magħhom tkellimna dwar in-nuqqasijiet u x'hemm bżonn li jsir. Qed iressaq ukoll kopja sabiex tintbagħat default notice lill-kuntrattur għall-ġbir tal-iskart goff, tal-ġonna, u l-latrini minħabba li wħud min-nuqqasijiet baqgħu mhux solvuti. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni.

## 68.08 Korrispondenza

**68.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-website l-antika tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa issa ngħalqet u min imur biex jidħol fuq il-website ser jiġi redirected għall-website tad-Diviżjoni f'isem il-Kunsill. Bħalissa l-Uffiċjal Eżekuttiv Christian Mifsud qed jieħu ħsieb li din tiġi kontinwament aġġornata flimkien mal-paġna tal-Facebook. Wara x-xhur tas-sajf ser nibdew il-proċess sabiex ikollna website uffiċjali ġdida.

**68.08.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq korrispondenza mill-Pulizija tal-Komunità dwar gabbana fuq ir-roti li hemm f'Misraħ is-Summit. Ma' din il-

korrispondenza waslet ittra mibgħuta fl-2017 li ntbagħtet lis-sid tal-gabbana, fejn ġie nnotat li hemm diversi materji li setgħu saru aħjar. Wara diskussjoni libera, inqabel li toħroġ ittra oħra fejn fiha tiġi mwaqqfa dik l-ittra tal-2017 u li fiha tingħata no objection sal-aħħar ta' Settembru 2023. Jekk is-sid jixtieq li fis-sajf tal-2024 jerġa' jarma, irid juri l-interess tiegħu billi jibgħat bil-miktub lill-Kunsill sad-data imposta fuq l-ittra, u li jrid jippreżenta d-dokumenti meħtieġa. Jekk il-Kunsill japprova, irid japplika għal permess mal-Kunsill Lokali, hekk kif stabbilit bil-liġi għal twaqqif ta' posta jew kjosk.

**68.08.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq korrispondenza marbuta mal-kameras għal biswit l-iBins. Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill iħallas €29.50 fix-xahar għal kull iBin li għandna fil-preżent. Issa hemm skema miftuħa biex il-Kunsill Lokali japplika sabiex jagħmel kameras f'żona oħra u li se jħallsu għall-installazzjoni l-Greenpak, u l-Kunsill iħallas għas-servizz tal-linja. Il-Kunsill qabel li napplikaw sabiex isiru l-kameras in-naħa tal-iBins li hemm Ħal Far.

**68.08.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq korrispondenza li rċieva mingħand Gal Xlokk dwar il-programm LEADER 2023-2027. L-ispiża marbuta ma' din hi dik ta' €500 għal kull Kunsillier. Hu qed jistaqsi lill-Kunsill jekk humiex interessati li japplikaw għal dan il-programm marbut ma' diversi fondi, fosthom dawk Ewropej. Il-membri tal-Kunsill qablu li nieħdu sehem f'dan il-programm u li nħallsu l-ammont dovut. Bħala rappreżentanti f'dan il-Gal Xlokk se jkun hemm is-Sindku Scott Camilleri u l-Viċi Sindku Josette Busuttil bħala sostituta.

## 68.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**68.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li mill-aħħar seduta sa issa bdew jaħdmu magħna tliet impjegati ġodda hekk kif ġie deċiż. Dawn huma l-Uffiċjal Eżekuttiv, il-Contracts Manager u l-Iskrivana. F'dawn il-jiem li ilhom magħna ġie nnotat sew il-progress fl-uffiċċju u kif ukoll fis-servizz li qed jingħata. Dwar il-Contracts Manager qed nindirizzaw diversi issues li kienu ilhom żmien twil pendenti u fejn hemm bżonn qed tittieħed azzjoni kif inhu xieraq.

**68.09.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fl-10 ta' Lulju 2023 ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern l-erba' tenders li l-Kunsill ħareġ sabiex ġaladarba jkunu lesti ma jibqax tenders skaduti. Dawn huma dak ta' handyperson, is-servizz tat-trasport lill-Komunità, road maintenance, u dak għal servizz ta' perit. Iż-żmien li wieħed jitfa' tender jiskadi fl-10 t'Awwissu 2023. Bħala membri fil-bord sabiex jaġġudikaw dawn it-tenders se jkun hemm: Is-Sur Adrian Mifsud bħala Chairman, is-Sindku Scott Camilleri, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, il-Contracts Manager Dr Alessia Psaila Zammit, u l-Kunsilliera Alex Caruana u Simon Buttigieg. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jkunu dawn il-persuni fil-bord ta' kull tender.

**68.09.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qed iressaq proposta wara li tkellem mal-foreman sabiex lill-ħaddiema assenjati fuq barra jinxtralhom thermos tal-aluminium. Dan iservi sabiex jibqgħalhom iżjed kiesaħ u niffrankaw li nixtru l-fliexken tal-plastik sabiex nibżgħu għall-ambjent. Il-Kunsill kollu qabel ma' din il-proposta.

**68.09.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fil-jiem li għaddew tkellem dwar il-Perit Carmel Cacopardo, fejn infurmah li mhux ser tkun qed tiġi estiża l-kwotazzjoni tiegħu

wara nhar il-Hamis 3 t'Awwissu 2023. Il-Perit Cacopardo ser ikun qed jibqa' jieħu ħsieb il-materji li hemm diġà miftuħa min-naħa tiegħu u li jingħalqu. Dan minħabba li issa l-Kunsill ser ikun qed juża s-servizz tal-Environmental Consultant Alexander Borg Galea wara li kien hu l-orħos offerta. Issa hu qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jaħtar Kunsillier li jkun jaf il-lokalità sabiex jaħdem id f'id mal-uffiċjal fejn iħoss li jara li hemm bżonn bħala Kunsill nintervjenu u tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill waqt seduta. Is-Sindku Scott Camilleri ser ikun qed jagħti dan id-dekasteru l-ġdid lill-Kunsillier Johann Borg. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-proposta.

## 68.10 Quarterly Report (Jannar – Ġunju 2023)

**68.10.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat online sabiex tagħti spjegazzjoni dwar is-2nd Quarterly Report tas-sena 2023.

*Dħul:*

| | |
|---|---|
| Dħul mill-Gvern Ċentrali: | €448,586 |
| Dħul mill-permessi: | €20,585 |
| 10% administration fee tal-LESA: | €2,262 |
| Dħul ieħor: | €350 |

*Infiq:*

| | |
|---|---|
| Pagi u onorarji | €112,392 |
| Infiq għall-operazzjoni u manutenzjoni | €246,879 |
| Spejjeż amministrattivi | €27,983 |
| Spejjeż kapitali | €79,416 |
| Grants | €0 |

Il-Financial Statement Indicator (FSI) tal-Kunsill huwa dak ta' 104%.

Il-Quarterly Report li jkopri Jannar u Ġunju 2023 ġie approvat mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 68.11 Festa 2023

**68.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana attendew għal-laqgħa mal-Pulizija dwar il-Festa Parrokkjali. Fost diversi temi li ġew diskussi kien hemm l-immaniġjar tat-traffiku li dan ser ikun qed jiffunzjona kollox bħas-sena li għaddiet. It-traffiku ser ikun qed jgħaddi minn wara l-knisja u diġà infurmajna lit-trasport pubbliku b'dawn id-diversions. Il-pubbliku ser ikun avżat fuq il-mezzi soċjali u permezz ta' avviż imwaħħal fuq kull bus stop. Il-Kunsill ser jerġa' joffri servizz fejn il-bandisti jipparkjaw ħdejn Għar Dalam u jinżlu bi trasport provdut. Il-parkeġġ tal-iskola ser ikun miftuħ matul il-ġimgħa kollha. Ser jiġi offrut is-servizz ta' shuttle bus minn Tal-Papa sal-Qajjenza.

**68.11.02** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar it-tindif. Is-Sindku Scott Camilleri qal li diġà ntbagħtet it-talba lill-Cleansing and Maintenance Division min-naħa tal-Kunsill biex ikun hemm tindif qabel u wara l-attivitajiet flimkien mal-bins.

**68.11.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet sabiex nerġgħu nġibu dik ix-xibka ta' Żibel Malta sabiex il-plastik u l-bottijiet jintefgħu fiha. Is-Sindku Scott Camilleri qal li peress li issa hemm il-magni tal-BCRS mhux possibbli li tibqa' ssir. Tlabna għal magna oħra però m'għandhomx fil-preżent.

## 68.12 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**68.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet mingħand resident għal double yellow line fi Triq il-Brolli. Il-Kunsilliera preżenti qablu li sakemm ma jkunx hemm komunikat konkret min-naħa ta' Transport Malta, mhux ser jagħmlu double yellow lines. Is-Sindku Scott Camilleri ser jibgħat talba bil-miktub lill-uffiċjal ta' Transport Malta sabiex din l-entità taħdem u tipprovdi Traffic Management Plan għat-toroq taċ-ċentru tal-lokalità.

**68.12.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet mingħand resident għal parkeġġ riservat komunali fi Triq San Pietru. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fit-triq imsemmija m'hemmx kaxxi tal-parkeġġi mal-art.

**68.12.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet sabiex isiru tabelli tal-parkeġġi għall-muturi. Is-Sindku Scott Camilleri ppropona li minflok titwaħħal tabella ma' kull parkeġġ tal-mutur, titwaħħal tabella waħda fit-triq li fiha jkun hemm dawn il-parkeġġi. Dawn it-tabelli għandhom jeħlu mal-arblu li diġà jkun hemm it-tabella tal-istop. Il-Kunsillier Alex Caruana u qal li Transport Malta xorta ma jaċċettawhiex. Il-Kunsillier Alex Caruana ser ikellem lil LESA.

**68.12.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet sabiex titwaħħal mera quddiem id-dar 107, Triq il-Fossili. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega eżatt x'inhi s-sitwazzjoni ta' din it-talba u kif ukoll talbiet simili li qed ikollna. F'sitwazzjonijiet simili bħal dawn il-Kunsill qabel li jekk resident irid mera sabiex joħroġ mill-propjetà privata tiegħu, għandu jixtri mera bil-pajp u l-Kunsill joffri li jwaħħal il-mera hu. Min-naħa l-oħra l-Kunsill ser ikun qed iwaħħal mirja għas-spejjeż tiegħu jekk fil-fehma tiegħu, jikkonkludi li hemm periklu fit-triq.

**68.12.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet għall-parkeġġ tal-Un/Loading quddiem ħanut tal-ikel fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsilliera rrimarkaw li f'dik il-parti diġà hemm żewġ parkeġġi għall-Un/Loading.

**68.12.06** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet għall-parkeġġ tal-Un/Loading quddiem ħanut fi Triq il-Merżuq. Il-Kunsilliera qablu ma' din it-talba ladarba tkun f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata.

**68.12.07** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet mingħand residenta għal parkeġġ riservat personalizzat fi Triq San Ġwann. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ser jiċċekkja hu dwarha u jkellem lill-Assistent Prinċipal Stephanie Aloisio.

**68.12.08** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet sabiex isir double yellow line fi Triq Sant' Anġlu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ħabba din saret laqgħa ġewwa Transport Malta. Fil-preżent hemm parkeġġ fil-kantuniera li qed jostakola t-traffiku. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hemm hemm bżonn issir mera.

**68.12.09** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qara talba li daħlet sabiex jiżdied id-dawl taħt il-Boċċi Club. Il-Kunsill qabel li jiżdiedu tnejn oħra.

## 68.13 Proġetti u skemi

**68.13.01** Ma kien hemm xejn f'din is-sezzjoni.

## 68.14 Saħħa, indafa u ambjent

**68.14.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet biex jinżebgħu mill-ġdid il-pots li hemm fil-bajja ta' San Ġorġ, u li jekk hemm minnhom imkissrin jinxtraw u jinbidlu. Dawn ser ikunu qed isiru wara l-festa.

**68.14.02** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li Westgate Court reġa' qed ikun hemm ħafna ħmieġ u hemm bżonn li jsir xi ħaġa dwar dan.

## 68.15 Attivitajiet

**68.15.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li għandha proposta biex isir il-karnival tas-sajf ġewwa Birżebbuġa nhar is-Sibt 19 t'Awwissu. Fil-programm li qed tippjana ser ikun hemm defilè li jibda minn ħdejn Bush u Gorbachev u jibqa' nieżel sax-xatt, u attività fit-teatru Grieg u wara after-party. Qed titlob sabiex nagħmlu talba lil Malta Freeport Corporation sabiex ituna għajnuna finanzjarja. Ukoll irnexxielha ġġib għajnuna sabiex ikollna fliexken tal-ilma. Il-Kunsilliera preżenti qablu li ssir din l-attività bl-ispejjeż ikunu provduti mill-fondi tal-Kunsill.

**68.15.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li diġà saru diversi laqgħat għal Jum Birżebbuġa. Ġew stabbiliti l-ismijiet tar-rikonoxximenti u beda jinħadem il-proċess ta' kif wieħed jinnomina persuna. Dwar dan il-proċess qed taħdem fuqu hi flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, li qed taħdem volontarjament flimkien mal-Assistent Prinċipal Simone Fenech u Laura Cunningham.

**68.15.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li fi tmiem il-ġimgħa hemm Gozo By Night u wara hemm ġita għal Sqallija.

## 68.16 Kultura, żgħażagħ u sport

**68.16.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet talba mingħand persuna sabiex tibda tagħmel lezzjonijiet tal-fitness u li dawn ikunu organizzati mill-Kunsill. Hu ġibed l-attenzjoni li diġà qed isiru sessjonijiet simili u li qed inħallsu għalihom. Il-Kunsill qabel li għalissa nibqgħu għaddejjin bis-sessjoni preżenti biss.

## 68.17 Affarijiet oħra

**68.17.01** Ma kien hemm xejn f'din is-sezzjoni.

## 68.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**68.18.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 t'Awwissu 2023 fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 22 t'Awwissu 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |